Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2023/2852

21.12.2023

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/2852

tal-20 ta' Diċembru 2023

li jikkoreġi r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1581 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-użu tal-ikel ġdid "oleorežina li fiha ħafna astaksantina mill-alga *Haematococcus pluvialis*"

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar ikel ġdid, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1852/2001 ([1]), u b'mod partikolari, l-Artikolu 12 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2015/2283 jipprevedi li l-ikel il-ġdid awtorizzat u inkluż fil-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid biss jista' jiġi introdott fis-suq fl-Unjoni.

(2) Skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2015/2283, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 ([2]) stabbilixxa lista tal-Unjoni ta' ikel ġdid.

(3) Il-lista tal-Unjoni stipulata fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 tinkludi l-"oleorežina li fiha ħafna astaksantina mill-alga *Haematococcus pluvialis*" bħala ikel ġdid awtorizzat.

(4) L-ikel ġdid "oleorežina li fiha ħafna astaksantina mill-alga *Haematococcus pluvialis*" ġie awtorizzat f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) għall-użu fis-supplimenti tal-ikel kif definit fid-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) intenzjonati għall-popolazzjoni ġenerali.

(5) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1581 ([5]) stabbilixxa rekwiżiti addizzjonali tat-tikkettar sabiex jipprevjeni l-konsum konkomitanti ta' supplimenti tal-ikel li jkun fihom ≤ 8,0 mg ta' astaksantin.

(6) Il-Kummissjoni identifikat żball fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1581 fir-rigward tal-miżuri tranżizzjonali. Ġie abbozzat bi żball perjodu tranżizzjonali fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1581 għall-prodotti li jikkonformaw mar-rekwiżiti tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1377 ([6]) qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2023/1581. Hija meħtieġa korrezzjoni sabiex ikun hemm ċarezza u ċertezza legali għall-operaturi tan-negozji tal-ikel u għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, u b'hekk tkun prevista l-kummerċjalizzazzjoni ta' dak l-ikel ġdid li jikkonforma mar-rekwiżiti ta' tikkettar preċedenti. Sabiex tiġi evitata l-inċertezza dwar il-konsegwenzi negattivi għall-operaturi tan-negozju tal-ikel ikkonċernati, jenħtieġ li din il-korrezzjoni tidħol fis-seħħ immedjatament u tkun applikabbli retroattivament, mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2023/1581.

([1]) ĠU L 327, 11.12.2015, p. 1.
([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 tal-20 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi l-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel ġdid (ĠU L 351, 30.12.2017, p. 72).
([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 1997 dwar l-ikel il-ġdid u l-ingredjenti tal-ikel il-ġdid (ĠU L 43, 14.2.1997, p. 1).
([4]) Id-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ġunju 2002 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar is-supplimenti tal-ikel (ĠU L 183, 12.7.2002, p. 51).
([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1581 tal-1 ta' Awwissu 2023 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-użu tal-ikel ġdid "oleorežina li fiha ħafna astaksantina mill-alga *Haematococcus pluvialis*" (ĠU L 194, 2.8.2023, p. 4).
([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1377 tad-19 ta' Awwissu 2021 li jawtorizza l-bidla fil-kundizzjonijiet tal-użu tal-ikel ġdid "oleorežina li fiha ħafna astaksantina" mill-alga Haematococcus pluvialis skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 (ĠU L 297, 20.8.2021, p. 20).

(7) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1518 jiġi kkoreġut skont dan.

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1581 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 2*

Is-supplimenti tal-ikel li fihom ≤ 8.0 mg astaksantina maħsuba għall-popolazzjoni ġenerali li għandha aktar minn 14-il sena, li jikkonformaw mar-rekwiżiti tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1377 jistgħu jibqgħu jitqiegħdu fis-suq sal-1 ta' Frar 2024 u jistgħu jiġu kkummerċjalizzati sad-data minima ta' durabbiltà jew sad-data ta' skadenza tagħhom."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-21 ta' Awwissu 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Diċembru 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN